MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 28 ta’ Mejju 2018**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Moussa Sylla**
**(Passaport Taljan ghal-istranjeri MD0002849)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Moussa Sylla** talli fis-27 ta’ Mejju 2018 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tiegħu Passaport u Permess tar-Residenza, maħruġ minn awtorità kompetenti, cioé Passaport tas-Senegal bin-numru A01815044 u Permess tar-Residenza Taljan bin-numru I11702817, maħruġ f’isem Farba Sylla, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva id-dokumenti li ġew ittrasferiti lilu minn persuna oħra. (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta’ Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu mid-dokumenti msemmija, maħruġ lil persuna oħra, cioé dak diġà imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta’ Malta)

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz huma semplici. L-imputat li huwa ta' nazzjonalita` tal-Mali pero` kellu permess jirrisjedi gewwa l-Italja u Passaport Taljan, liema dokumenti huma skaduti. Huwa xtaq jitlaq lejn l-Italja u kien se jaghmel dan b'passaport u permess ta' residenza ta' persuna ohra, liema dokumenti pero` huma originali u mhux falsifikati.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija u wkoll il-fatt, li a differenzi ta' kazijiet ohra fejn persuni jinqabdu jippruvaw jitilqu jew jidhlu Malta b'dokumenti foloz, l-imputat xtaq jitlaq minn Malta b'dokumenti ta' haddiehor. Dan madankollu ma jnaqqas xejn mill-gravita` tar-reati odjerni, pero` l-Qorti hija tal-fehma illi ghandha titratta mal-imputat b'sentenza sospiza.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, u artikolu 32 (1) (c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Moussa Sylla** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta’ **sena (1) priġunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qed tigi sospiża għall-perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur